

# L-ARĊIPRIET MONS. MAWRIZJU CAUCHI 1909 - 1938

## *50 SENA MINN MEWTU*

*Kitba tal-Kan. Ġiljan Refalo Rapa*

It-tieni Arċipriet tal-parroċċa tax-Xagħra, kien il-wisq maħbub Mons. Mawrizju Cauchi li ħa l-pussess tiegħu fil-knisja Insinji Kolleġġjata fit-3 t'April 1909 flok l-Arċipriet Ġużeppi Diacono li dam irieġi l-parroċċa għal 18-il sena, disgħa snin minnhom bħala kappillan u d-disgħa snin l-oħra bit-titlu ta' Arċipriet, billi l-knisja kienet mgħollija għad-dinjita' ta' Kolleġġjata fid-9 ta' Marzu 1899 mill-Qdusija Tiegħu il-Papa Ljun XIII, bid-digriet papali, imniedi uffiċjalment mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Alojsju Masella.

Il-parrokat ta' Mons. Mawrizju Cachi nistgħu naqsmuh fi tnejn: dak ta' l-ewwel 29 sena, meta hu flimkien mal-kapitlu rieġa l-merħla fdata f'idejh, u dak ta' 13 -il sena, meta minħabba saħħtu, inħatar koadjutur tiegħu, Mgr. M'Angelo Cauchi, bid-dritt tas-suċċessjoni, li twettqet bil-mewt tal-Arċipriet Mawrizju fid-29 ta' Lulju 1951.

Għalhekk kien xieraq li f'din is-sena 2001, infakkru l-ħamsin sena mill-mewt ta' dan ir-ragħaj maħbub tagħna li bħal sħabu, kemm dawk ta' qablu, kif ukoll dawk li ġew warajh, taw xhieda awtentika tal-ġid spiritwali li bl-għajnuna tal-Mulej wettqu tul is-snin, mal-merħla fdata f'idejhom.

L-Arċipriet Mawrizju Cauchi, bħal dak ta' qablu, Ġużeppi Diacono, li ħaseb biex jibni l-koppla, tal-knisja, l-ewwel waħda f'Għawdex ta' l-istil tagħha, ippjana li jibni l-kappelli tal-kurċifiss u dik tas-Santissmu Sagrament, flimkien mas-sitt kopletti tan-navi. Dan ix-xogħol kien fdat f'idejn il-bennej Ġużeppi Azzopardi (mix-Xagħra) taħt id-direzzjoni tal-Perit Ugo Mallia; u tlesta fl-1914.

Fost il-ħafna opri li saru fil-knisja tul it-treġija ta' l-Arċipriet Mawrizju Cauchi, għandna il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, kanċelli, zukklatura u l-paviment tal-irħam, 20 tieqa stained glass u oħrajn, mgħejjun f'ħafna minnhom mill-benefattur kbir Mons. Mikelangelo Xerri, Kanċillier tal-Kurja Veskovili. Wieħed ma jistax iħalli barra l-pittura tal-koppla u tas-saqaf, li taw dehra artistika u majestuża lill-knisja u għamluha monumnet ħaj ta' l-arti.

L-Arċipriet Mawrizju Cauchi kien maħbub u rrispettat mill-Poplu kollu tax-Xagħra. It-treġija tiegħu kienet fuq kollox il-kura spiritwali ta l-erwieħ, u ma kien iħalli l-ebda okkażjoni, anke l-iktar ċkejkna tgħaddi, bla ma jipprofitta minna spiritwalment.

Kien ukoll bniedem organizzativ u f'għaqda waħda mal-kapitlu u kleru, kien jikkopera mal-għaqdiet kollha tar-raħal. Fil-fatt fi żmienu twaqqfu l-Azzjoni Kattolika nisa u rġiel, l-iscouts u l-banda tagħhom, li wara saret l-banda Victory, u l-orkestra S. Ġwann Bosco.

Fl-1936, inbena ċ-Ċirklu, li llum iservi bħala ċentru għaż-żgħażagħ. Fl-1947 żdiedet sala żgħira, li llum qegħda tintuża bħala kappella. Din ħallas għaliha l-Arċipriet Mawrizju, fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Prelat Domestiku tal-Papa Piju XII, fuq rakkomendazzjoni tal-Isqof Ġużeppi Pace.

Kien ukoll fil-bidu tal-parrokat ta' l-Arċipriet Cauchi fl-1909, li tbierket il-knisja tan-Nażżarenu, opra li bdiet mill-Arċipriet Ġużeppi Diacono li għamel u fassal il-pjanta tagħha.

Fis-sena 1938, l-Arċipriet Mawrizju Cauchi beda jħoss il-piż tal-amministrazzjoni spiritwali tal-parroċċa, u għalhekk ħaseb li jsib is-suċċessur tiegħu. Inserta tajjeb li wieħed mill-qraba tiegħu, l-Arċipriet M'Angelo Cauchi, kellu taħt idejh il-parroċċa taż-Żebbuġ, u għalhekk ġie magħżul biex ikun koadjutur tiegħu, bid-dritt tas-suċċessjoni. Fil-fatt, M'Angelo Cauchi ħa il-pussess fid-19 ta' Marzu 1938.

L-Arċipriet Mawrizju baqa' jgħix fid-dar parrokkjali fil-pjazza waqt li l-koadjutur M'Angelo kera dar kbira fit-Triq Jannar, sakemm tlestiet dar oħra ġdida fil-pjazza, fejn illum hemm il-familja Refalo u l-H.S.B.C. Minkejja dan kollu, l-Arċipriet Mawrizju baqa' jagħti l-aħħar deċiżjoni tiegħu fl-amministrazzjoni tal-parroċċa.

Fil-ħajja ta' kull wieħed minna, jiġu waqtiet li mingħajr ma nkunu rridu, jistgħu b'xi mod, iċajpru l-għemil tajjeb kollu li wieħed ikun wettaq. L-Arċipriet Mawrizju ma kienx eċċezzjoni. Meta fl-1935 twaqqfet il-banda Victory u ftit wara l-orkestra Sun Gwann Bosco fi ħdan l-Azzjoni Kattolika, beda jberraq mhux ħażin. Sa dak iż-żmien, kull parroċċa f'Għawdex kienet tordna waħda miż-żewġ baned ewlenin tar-Rabat kif ukoll

waħda miż-żewġ orkestri fix-Xagħra kienu jieħdu sehem il-banda Leone u l-orkestra taħt it-treġija ta' Mro. Pawlu Lanzon.

Fis-sena 1937 iż-żewġ għaqdiet tar-raħal ġew aċċettati biex jagħtu sehem f'xi servizz fil-festa tal-Bambina. Għall-ewwel snin kollox kien ward u żgħar, iżda meta bdiet tidħol l-impika, l-Arċipriet Cauchi flimkien mal-kuġitur M'Angelo Cauchi kienu bejn ħaltejn, lejn min kellhom jagħtu xi preferenzi, billi huma kienu ġejjin minn familji qrib sewwa tas-Soċjeta' Filarmonika Leone, u tas-Surmast Pawlu Lanzon.

Iż-żewġ arċiprieti ma kienux ta' l-idea, li l-flus tal-ġabra tal-festa jitberbqu bl-addoċċ, u għalhekk kienu jwarrbu xi somma anke żgħira biex jitħallsu xi opri li jkunu qed jsiru fil-knisja.

Il-membri żgħażagħ taż-żewġ għaqdiet, il-banda u l-orkestra, kienu jaħsbuha mod ieħor. Kien jidhrilhom li kull sold li jinġabar għall-festa kellu jagħmel tajjeb, għal aktar nar, toroq imżejna u xi banda Maltija.
Ta' makakki li kienu, li jafu kemm il-kelma tal-Arċipriet kienet irrispettata mill-kotra tal-poplu, ħasbu li f'wieħed mill-iljieli sajfin qrib ix-xahar ta' Settembru, jħażżu xi kitba fuq xi ħitan ta' madwar il-pjazza, fejn esprimew ix-xewqa tagħhom li jkunu jafu l-ġabra tal-festa u kif qed jintefqu l-flus.

Bla dubju ta' xejn dan kien għemil ta' insult kbir, u l-Arċipriet wera d-diżapprovazzjoni tiegħu lill-merħla l-Ħadd ta' wara fil-quddiesa tal-5.00 ta' filgħodu. Ma naqasx ukoll li jirripeti d-dispjaċir tiegħu lill-parruċċani fil-priedka tal-katekiżmu li kienet issir fit-3.30 ta' wara nofs in-nhar.

Kif kien mistenni, il-ġemgħa tagħtu raġun, u ddiżapprovat dak li għamlu l-ftit żgħażagħ avventurużi. B'dana kollu, dak il-ftit inkwiet kien il-bidu ta' dak li kellu jiġri wara kemm għall-arċipriet Mawrizju Cauchi u l-Koadjatur tiegħu.

Tgħid illum u tgħid għada, in-nies bdiet ixxaqleb ma' dawk li kienu jaspiraw li jaraw il-knisja Kolleġġjata u kulma jsir fiha ma jkunx inqas minn dak li jsir fi knejjes oħra. Bla dubju dawn l-avvenimenti kienu dejjem iżidu l-piż tal-għeja fuq l-Arċipriet Mawrizju li minkejja li kellu l-koadjatur tiegħu, kien hu li jgħid l-aħħar kelma f'kulma kien jinqala.

Żernaq għalhekk il-jum tad-29 ta' Lulju 1951, meta b'attakk tal-qalb, l-Arċipriet Mons. Mawrizju Cauchi ħalla dan il-wied tad-dmugħ fid-dar parrokkjali fil-pjazza.

L-għada sar il-funeral u l-fdalijiet tiegħu tpoġġew fil-kappella taċ-ċimiterju tal-parroċċa.

Ix-Xagħrin kollha ħassew it-telfa ta' dan ir-ragħaj ħawtiel u twajjeb li matul 42 sena li dam igħix fosthom, ħabrek u ħadem bis-sħiħ sabiex il-parroċċa timmatura spiritwalment u l-knisja tkompli tinbidel f'ġawhra ta' arti u pittura.













1. L-Arċipriet Mawrizju Cauchi flimkien mal-Kanċellier Mons. Mikelanġ Xerri.
2. Il-Kwadru ta' l-artal ta' San Mawrizju, xogħol ta' Virginio Monti, u mħallas mill-Arċipriet Mawrizju Cauchi.
3. Santa ta' tifkira li tqasmet fil-1947 fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' l-Arċipriet Mawrizju Cauchi.
4. Dehra tal-funeral ta' l-Arċipriet Mawrizju Cauchi.